Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 9 ta' Jannar 2026**
**(OR. en)**

**16794/25**

**SOC 844**
**EMPL 551**

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tissostitwixxi membru tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema għall-Italja |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**ta' ...**

**li tissostitwixxi membru tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema għall-Italja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni[1], u b'mod partikolari l-Artikoli 23 u 24 tiegħu,

[1] ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1.

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2024[2], il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema għall-perjodu mill-25 ta' Settembru 2024 sal-24 ta' Settembru 2026.

(2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Daniele LUNETTA, sar vakanti siġġu ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern.

(3) L-Italja nnominat kandidat għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

[2] ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL tat-23 ta' Settembru 2024 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema (ĠU C, C/2024/5865, 27.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/5865/oj).

*Artikolu 1*

Is-Sur Massimo TEMUSSI huwa maħtur membru tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema minflok is-Sur Daniele LUNETTA għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-24 ta' Settembru 2026.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ....

*Għall-Kunsill*
*Il-President*